MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 16 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 455/2002

**Is-socjeta' Sea Bank Catering Co. Ltd.**

**vs**

**Alan Sultana u martu Jacqueline Sultana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija seba' u sebghin Lira Maltija u seba' u disghin centezmu (LM1,577.97,0) rappresentanti bilanc ta' kumpens dovut lilha in konnessjoni mal-**

**organizazzjoni tar-riceviment tat-tieg taghhom fil-15 ta’ Settembru 2001 u provvista ta’ catering relattivament ghall-istess;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju, 2002, u tal-mandat ta’ sekwestru kontestwalment prezentat u bl-imghax legali dekorribbli mit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju 2002 sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni personalment ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tal-konvenuti datata l-11 t’Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**